**Parlament Ewropew**

2014-2019

**TESTI ADOTTATI**

# P8_TA(2017)0103

## Ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni) (COM(2015)0616 – C8-0388/2015 – 2015/0283(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0616),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 50(1) u (2)(g) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0388/2015),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2016[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0088/2017),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda tibdil sostanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

1 ĠU C 264, 20.7.2016, p. 82.

2 ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**P8_TC1-COD(2015)0283**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adotatta fl-ewwel qari fil-5 ta’ April 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (EU) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2017/1132.)*